31971L0304

L 185/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 15.8.1971

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tas-26 ta' Lulju 1971
dwar it-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-provvista tas-servizzi dwar kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi lill-kuntratturi li jaġixxu permezz ta' aġenziji tal-fergħat

(C 71/304/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 54(2) u 63(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-programm ġenerali għat-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment [1], u partikolarment it-Titolu IVB tiegħu,

Wara li kkunsidra l-programm ġenerali għat-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu Pprovduti servizzi [2], u partikolarment it-Titolu VĊ(e)(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [4],

Billi dispożizzjonijiet dettaljati biex jintlaħqu l-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-miżuri transitorji diġà ġew ipprovduti fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' persuni li jimpjegaw lilhom infushom li jaqgħu fi ħdan il-grupp ewlieni ISIC 40 bid-Direttivi tal-Kunsill Nri 64/427/KEE u 64/429/KEE tas-7 ta' Lulju 1964 [5]; billi, skond dawn il-proċeduri, awtoritajiet li jagħtu l-kuntratti ma jistgħux jipprattikaw kontra l-persuni naturali jew legali ggvernati mid-dritt privat li lilhom ikun ingħata kuntratt kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità tas-subappaltaturi; billi restrizzjonijiet huma permessi biss proviżorjament fir-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi għal provvista ta' servizzi jew permezz ta' aġenziji jew fergħat; billi, għalhekk, id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi fuq imsemmija għandhom applikazzjoni ġenerali li tirrendi superfluwa r-repetizzjoni tagħhom f'din id-Direttiva;

Billi kuntratti tax-xogħol li jaqgħu taħt il-grupp ewlieni ISIC 40 jistgħu jingħataw lil jew ikunu mwettqa minn korpi li jkollhom konċessjonijiet mogħtija mill-Istat, minn awtoritajiet reġjonali jew lokali jew minn persuni legali oħra regolati mid-dritt pubbliku; billi din id-Direttiva għandha għalhekk tinkludi dawk il-kuntratti fl-għan tagħha li jirrappreżentaw numru konsiderevoli ta' xogħlijiet; billi jekk ma jkunx hekk l-iskop tagħha jkun imnaqqas b'mod sostanzjali;

Billi t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika għandu fl-Artikolu 97 dispożizzjoni speċjali dwar il-kostruzzjoni ta' stallazzjonijiet nukleari ta' natura xjentifika jew industrijali; billi, skond l-Artikolu 232 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, dawn il-każijiet għandhom ikunu eskluži mill-iskop ta' din id-Direttiva;

Billi mill-adozzjoni tal-programmi ġenerali, il-Komunità Ekonomika Ewropea fasslet in-nomenklatura tagħha stess ta' attivitajiet industrijali, msemmija Nomenklatura ta' l-industriji fil-Komunitajiet Ewropej:(NICE); billi din in-nomenklatura, li għandha referenzi għan-nomenklaturi nazzjonali, hija għalhekk adattata aħjar għall-bżonnijiet ta' l-Istati Membri milli n-nomenklatura ISIC ("Standard Internazzjonali ta' Klassifika Industrijali ta' l-Attivitajiet Ekonomiċi kollha"); billi n-nomenklatura ta' NICE għandha għalhekk tkun użata, iżda dinm'għandiex ikollha l-effett li tbiddel l-iskeda mniżżla fil-programmi ġenerali, li jirriferu għan-nomenklatura ISIC; billi l-użu tan-nomenklatura NICE f'din id-Direttiva ma jistax ikollu dan l-effett;

Billi ssir referenza ta' spiss għall-speċifikazzjonijiet tekniċi fil-kuntratti pubbliċi tax-xogħol; billi l-Kunsill, fl-istqarrija tiegħu magħmula waqt l-adozzjoni tal-programmi ġenerali, ipprovda li speċifikazzjonijiet tekniċi m'għandhomx ikollhom fihom xi klawżola diskriminatorja; billi, konsegwentement, jeħtieġ li jkunu inklużi ċerti dettalji fuq dan fid-Direttiva;

Billi dispożizzjonijiet applikabbli għall-attivitajiet kollha ta' persuni li jaħdmu għal rashom u li huma dwar il-moviment u r-residenza ta' persuni li jgawdu l-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jipprovdu servizzi huma jew ser ikunu s-suġġett ta' Direttivi separati; billi s-sistema applikabbli lill-impjegati mħallsa li jakkumpanjaw il-persuna li tipprovdi servizzi jew li jaġixxu għannom tagħha hija ggvernata b'dispożizzjonijiet ipprovduti bis-saħħa ta' l-Artikolu 48 u 49 tat-Trattat;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-ARTIKOLU 1

L-Istati Membri għandhom ineħħu, fir-rigward ta' persuni naturali u kumpaniji jew impriżi koperti bit-Titolu 1 tal-programmi ġenerali, u li jipprovdu servizzi jew jaġixxu permezz ta' aġenziji

(1) ĠU 2, tal-15.1.1962, p. 36/62.
(2) ĠU 2, tal-15.1.1962, p. 36/62.
(3) ĠU 62, tat-12.4.1965, p. 883/65.
(4) ĠU 13, tad-29.1.1965, p. 158/65.
(5) ĠU 117, tat-23.7.1964, p. 1863/64 u p. 1880/64.

jew fergħat, (minn hawn 'il quddiem msejħa benefiċjarji), ir-restrizzjoni msemmija fit-Titolu III ta' dawk il-programmi ġenerali li jaffettwaw id-dritt li tidħol fi, l-għoti, twettaq jew tipparteċipa fl-adempjiment ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi għan-nom ta' l-Istat, jew awtoritajiet reġjonali jew lokali jew persuni legali ggvernati bid-dritt pubbliku.

L-ARTIKOLU 2

1. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għal attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom li huma koperti bi Grupp Ewlieni 40 fl-Anness I tal-programm ġenerali għat-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment.. Dawk l-attivitajiet jikkorrespondu għal dawk li jaqgħu taħt Grupp Ewlieni 40 tan- "Nomenklatura ta' l-Industriji fil-Komunitajiet Ewropej" (NICE); huma mogħtija fl-Anness ta' din id-Direttiva.

2. Din id-Direttiva m'għandiex tapplika għal:

(a) stallazzjonijiet industrijali tal-varjetà mekkanika, elettrika jew li jipproduċu l-enerġija, bl-eċċezzjoni ta' kull parti ta' dawk l-istallazzjonijiet li taqa' taħt il-qasam ta' l-inġenerija ċivili jew tal-bini;

(b) il-kostruzzjoni ta' stallazzjonijiet nukleari ta' natura xjentifika jew industrijali;

(ċ) xogħol ta' tħammil, tħaffir ta' spralli, dreġjar u rimi ta' skart imwettqa biex jinġabru l-minerali, tal-minjieri u l-industrija tal-barrieri.

L-ARTIKOLU 3

1. L-Istati Membri għandhom ineħħu b'mod partikolari r-restrizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawk li ma jħallux il-benefiċjarji milli jipprovdu servizzi taħt l-istess kondizzjonijiet u bl-istess drittijiet bħal ċittadini ta' dak il-pajjiż; ir-restrizzjonijiet li għandhom jitneħħew għandhom jinkludu partikolarment dispożizzjonijiet msemmija fil-liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva u dawk il-prattiċi amministrattivi li jimponu jew jippermettu l-applikazzjoni ta' trattament diskriminatorju, bi preġudizzju għal-benefiċjarji, minn persuni naturali jew legali li jkunu ngħataw kuntratt għat-twettiq jew għat-tmexxija ta' xogħlijiet jew għat-tmexxija ta' servizzi pubbliċi permezz ta' għoti ta' drittijiet speċjali jew eslussivi, dwar kuntratti li dawk il-persuni jistgħu min-naħa tagħhom jagħtu għat-twettiq ta' dawk ix-xogħlijiet;

(b) dawk li jeżistu minħabba prattiċi amministrattivi li jirriżultaw fi trattament li jkun applikat lill-benefiċjarji li jkun diskriminatorju meta jitqabbel ma' dak applikat liċ-ċittadini;

(ċ) Dawk li jeżistu minħabba dispożizzjonijiet jew prattiċi li, għalkemm applikabbli irrispettivament min-nazzjonalità, xorta waħda jtellfu esklussivament jew prinċipalment l-attivitajiet professjonali jew tan-negozju taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra; speċifikazzjonijiet tekniċi diskriminatorji, partikolarment, huma fost ir-restrizzjonijiet li għandhom jitneħħew; m'għandhomx, iżda, ikun ikkunsidrati li huma diskriminatorji meta huma ġġustifikati bis-suġġett tal-kuntratt.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod partikolari li:

(a) l-benefiċjarji jistgħu, taħt l-istess kondizzjonijiet ta' ċittadini, jiksbu biex iwettqu x-xogħlijiet fuq it-territorju tagħhom il-forom diversi ta' kreditu, għajnuna u sussidju pprovdut għall-għan mill-awtoritajiet pubbliċi;

(b) l-benefiċjarji għandhom ikollhom aċċess mingħajr restrizzjoni u f'kull każ taħt l-istess kondizzjonijiet bħal ċittadini,għall-faċilitajiet ta' provvista li l-Istat huwa f'pożizzjoni li jikkontrolla u li għandhom bżonn għat-twettiq tal-kuntratt tagħhom.

L-ARTIKOLU 4

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien tnax-il xahar min-notifika tagħha u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

L-ARTIKOLU 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Lulju 1971.

Għall-Kunsill

Il-President

A. MORO

L-ANNESS

LISTA TA' ATTIVITAJIET TAL-KUMMERĊ PROFESSJONALI
kif imsemmija fin-nomenklatura ta' l-industriji fil-komunitajiet ewropej
(NICE)

Grupp Ewlieni	*Grupp*		
40			KOSTRUZZJONI
	400		Kostruzzjoni (mhux speċjalizzata); twaqqiegħ
		400.1	Kostruzzjoni mhux speċjalizzata
		400.2	Twaqqiegħ
	401		Kostruzzjoni ta' bini (djar jew oħrajn)
		401.1	Xogħol ta' bini ġenerali
		401.2	Tisqif
		401.3	Bini ta' ċmieni u fran
		401.4	Tħallib
		401.5	Tiżjin ġdid u manutenzjoni ta' faċċati
		401.6	Armar
		401.7	Attivitajiet oħra tal-bini (inkluż xogħol strutturali)
	402		Inġinjerija Ċivili: Bini ta' toroq, pontijiet, ferroviji, eċċ.
		402.1	Inġinjerija ċivili ġenerali
		402.2	Tħammil 'il fuq mill-art
		402.3	Bini ta' strutturi ta' l-inġinerija fuq l-art ('il fuq jew taħt l-art)
		402.4	Bini ta' kanali ta' l-ilma ġewwa l-art u strutturi ta' l-inginerija fuq il-baħar
		402.5	Bini ta' awtostradi (inkluz il-bini ta' ajruport u l-mitjar)
		402.6	Attivitajiet speċjalisti f'oqsma oħra ta' l-inġnerija ċivili (inkluż stallazzjoni ta' sinjali tat-toroq u sinjali u ċimi, stallazzjoni ta' *mains* u katusi għall-gass, ilma u idrokarburi, u stallazzjoni ta' trasmissjoni ta' l-enerġija elettrika u linji tat-telekomunikazjoni)
	403		Xogħol ta' l-istallazzjoni
		403.1	Stallazzjoni ġenerali
		403.2	Servizzi (gass, ilma u stallazzjoni ta' tagħmir sanitarju)
		403.3	Stallazzjoni għas-sħana u ventilazzjoni (stallazzjoni tas-*central heating*, *air-conditioning*, u impjant tal-ventilazzjoni)
		403.4	Isolament termiku, tal-ħoss u vibrazzjoni
		403.5	Stallazzjoni ta' l-elettriku
		403.6	Stallazzjoni ta' *aerials,* kalamiti tas-sajjetti, telefonijiet, eċċ
	404		Tiżjin u irfinitura
		404.1	Tiżjin ġenerali u irfinitura
		404.2	Tikħil
		404.3	Xogħol fl-injam, b'referenza partikolari għall-installazzjoni ta' *fittings* ta' l-injam) inkluż it-tqegħid ta' pavimenti ta' l-injam)
		404.4	Tibjid u *glazing*, tqegħid tal-*wallpaper*
		404.5	Applikazzjoni ta' uċuħ u għata għall-pavimenti u ħitan (tqegħid ta' madum, għata ieħor ta' l-art u *finishings* adeżivi
		404.6	Xogħol ta' rfirnar mixxellanju (inkluż stallazzjoni ta' fran u fuklari, eċċ)